MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 878/2006

**Francis Busuttil and Sons Limited (334) u Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd maghrufa ukoll bhala FBS Limited**

**vs**

**Philip Borg u Albert Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn Philip Borg u Albert Borg ippremettew illi:

Francis Busuttil and Sons Limited et talbu u ottjenew il-hrug ta` mandat ta` deskrizzjoni hawn fuq indikat bil-kawzali kif indikati fil-mandat innifsu.

Permezz ta` l-imsemmi mandat ta` deskrizzjoni din l-Onorabbli Qorti ordnat lir-rikorrenti odjerni sabiex ikomplu jzommu l-mobbli kollha hekk deskritti fl-istess mandat bir-responsabbilita` tal-irfiegh sewwa taghhom.

Kif jirrizulta mill-istess mandat ta` deskrizzjoni gew indikati 908 kaxxa cikkulata b`mod li r-rikorrenti ma jistawx jiddisponu minnhom. Ir-rikorrenti huma negozjanti bl-ingrossa w ghandhom diversi kuntratti ta` distribuzzjoni ta` merkanzija ta` dan it-tip ma` diversi neguzjanti bl-imnut madwar Malta w Ghawdex.

Tali mandat ta` deskrizzjoni huwa irragjonevoli u dan stante illi l-bejgh ta` tali prodotti, u ta` kwalsiasi prodott, mhux soggett ghal kwalsiasi restrizzjonijiet kummercjali jew restrizzjonijiet ta` esklussivita w kwindi r-rikorrenti qeghdin jigu effettivament inibiti milli jbieghu tali merkanzija li huwa l-iskop ahhari wara l-hrug ta` dan il-mandat ta` deskrizzjoni. Ir-rikorrenti ghandhom kull dritt u jedd li jimportaw u jiddistribwixxu fis-suq lokali tali prodotti w kwalsiasi xkiel jmur kontra l-ispirtu w l-ligijiet tal-kummerc hieles taht ir-regime ta` ligijiet ta` l-Unjoni Ewropea w senjatament tal-World Trade Organisation (WTO). Sahansitra anki qabel id-dhul ta` Malta fl-Unjoni Ewropea ma seta jkun hemm ebda restrizzjonijiet ta` esklussivita fil-konfront ta` l-hekk imsejjah *"parallel trading"* multo magis illum li Malta hija msiehba fl-Unjoni Ewropea.

L-mandat ta` deskrizzjoni suriferit intalab ukoll bil-premessa ghal kollox infondata li *"xi konsumaturi pprezentaw xi ilmenti dwar dawn il-prodotti"* b`mod li l-intimati inferixxu li l-prodotti kienu difettuzi w li kienu gew mibjugha mir-rikorrenti. Dan qaluh minghajr ebda evidenza jew prova prima facie li fil-fatt il-prodott huwa fil-fatt difettuz u/jew li il-prodott difettuz fil-fatt inbiegh jew gie ddistribwit mir-rikorrenti.

L-iskop tal-mandat ta` deskrizzjoni suriferit huwa ntiz sabiex iwaqqaf lir-rikorrenti milli jissoktaw fid-distribuzzjoni tal-prodotti taghhom u b`hekk jikkagunawlhom hsara

irreparabbli ghan-negozju w ghar-reputazzjoni kummercjali taghhom.

Di piu` l-prodotti huma minn natura taghhom stess *“perishable items”* ghaliex si tratta ta` prodotti ta` cikkulata u in vista tal-fatt li t-temp bhalissa huwa shun il-process ta` accelerazzjoni ta` deterjorazzjoni tkompli tikber. Minn din il-perspettiva tidher aktar cara l-intenzjoni ta` l-intimati li jhassru l-prodotti mahzunin ghand ir-rikorrenti billi sakemm il-mertu jigi definitivament determinat minn din l-Onorabbli Qorti l-prodott aktarx ikun skada jew sofra hsara irreparabbli b`dannu ghar-rikorrenti.

Il-mandat ta` deskrizzjoni intalab b`mod frivolu, malizzjuz u vessatorju.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta` deskrizzjoni numru 1418/06 ai termini ta` l-artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in via ta` penali ta` mhux inqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn tlett elef lira a tenur ta` l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Tordna lill-intimati sabiex jaghtu garanzija xierqa ghal hlas ta` penali w ghar-rizarciment tad-danni li gja sofrew, qeghdin isofru w li ghad jistghu jsofru ir-rikorrenti fi zmien perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti w fin-nuqqas jitnehha l-att kawtelatorju suriferit a tenur ta` l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta fejn fiha l-intimati eccepew illi:

Huma jopponu ruhhom ghar-rikors intavolat mill-esponenti stante li l-mandat in kwistjoni hareg korrettement skond il-ligi sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti;

Kif jirrizulta mill-atti tal-mandat, l-esponenti kienu talbu l-hrug ta` mandat ta` deskrizzjoni ghal dak li jirrigwarda "cikkulata, helu u/jew gelati importati bil-markju **Mars, Twix, Snickers, Bounty Skittles, Maltesers, M&M`s, Starburst, Galaxy, Minstrels, Celebrations, u Milky Way** u li, fuq il-pakkett individwali u/jew fuq il-kaxxa igibu bhala importatur f`Malta l-isem FBS Limited, Santa Venera Square, Malta"

Allura jirrizulta li l-mandat huwa intiz sabiex jolqot BISS dawk il-prodotti li fuq il-kaxxa u/jew il-pakkett taghhom ikollhom l-isem FBS Limited u ghalhekk jaghtu j`jifhmu li gew importati f`Malta mill-esponenti.

Jirrizulta li l-prodotti milquta mill-mandat jaghtu j`jiftiehem li gew importati f`Malta mill-esponenti.  Kif jammettu l-istess intimati Borg dan mhux minnu.  Ghalhekk il-pakkett/kaxxa jaghti informazzjoni inveritiera u qarrieqa.

Il-konsumatur ghandu d-dritt ikun jaf l-identita` tal-importatur f`Malta tal-prodott u, f`kaz li jara l-pakkett tal-konfezjoni in kwistjoni, ser jirrizultalu l-isem tal-esponenti.

Huwa evidenti li l-mandat in kwistjoni huwa intiz sabiex jipproteggi lill-esponenti minn uzu mhux permess ta` isimhom u sabiex jissalvagwardja dak l-istess isem. Huwa intiz inoltre sabiex jizgura li l-esponenti ma jigux pregudikati f`kaz li dawk milquta bil-mandat ipoggu merkanzija avarjata fis-suq.  Filfatt, u dan kif ser jigi dimostrat waqt is-smigh tal-kawza gia graw okkazzjonijiet fejn konsumaturi cemplu dwar merkanzija mportata minn terzi.

Ghandu jinghad f`dan l-isfond li l-esponenti huma d-distributuri ufficjali f`Malta tal-kumpannija li tipproduci il-prodotti in kwistjoni.  Bhala tali l-esponenti huma marbuta b`kundizzjonijiet oneruzi hafna sabiex jiggarantixxu t-tjubija tal-prodott li jasal f`idejn il-konsumaturi

kundizzjonijiet ghalhekk li jirrikjedu nfiq sostanzjali u fuq bazi kontinwa da parti tal-esponenti. L-intimati Borg qeghdin jimportaw il-prodott fuq is-suq minghajr ma huma marbutin b`dawn l-obbligi u minghajr ma jgorru ebda riskju. L-intimati Borg jibbenefikaw mir-riklamar u l-promozzjoni li jaghmlu l-esponenti fil-gzejjer Maltin.

Huwa minnu li d-direttiva citata mill-intimati tippermetti il-bejgh ta` merkanzija mixtrija minghand l-produttur. Ma tippermettix izda li, fil-kors ta` dan in-negozju, jintuza l-isem ta` terz (l-esponenti) kontra r-rieda tieghu. Huwa precizament dan li qieghdin jaghmlu l-imtimati Borg.

Id-drittijiet tal-esponenti huma cari u jikkonsistu fid-dritt li jissalvagwardjaw l-uzu tal-isem taghhom kif ukoll fid-dritt li ma jigux esposti ghal pregudizzju minn agir ta` terzi. Il-mandat inhareg in kawtela ta` dawn id-drittijiet.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-intimati ghar-revoka tal-mandat u talbiet ohra ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess intimat Borg.

L-esponenti jirriservaw li jressqu l-provi kollha u jaghmlu s-sottomissjonijiet kollha opportuni in salvagwardja tad-drittijiet taghhom.

Ikkunsidrat.

Ir-rikorrenti odjerni qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-Art. 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12, tal-Ligijiet ta` Malta.

Ir-rikorrenti qed jikkontendu li l-mandat ta` deskrizzjoni *de quo* huwa rragonevoli stante illi l-bejgh ta` tali prodotti mhux soggett ghall-kwalsiasi restrizzjoni. Huma jikkontendu illi kwalsiasi xkiel imur kontra l-ispirtu w l-ligijiet tal-kummerc hieles taht ir-regime ta` ligijiet tal-Unjoni Ewropea w senjatament tal-World Trade Organisation li ma jippermettu ebda restrizzjoni tal-*"parallel trading"*.

Issa, filwaqt illi huwa minnu li ma jista` jezisti ebda xkiel ghall-kummerc, ukoll fil-konfront tal-*parallel trading*,

b`danakollu xejn ma jista` jippermetti l-uzu ta` isem ta` negozjant iehor minghajr permess.  Huwa precizament f`dan l-isfond li s-socjetajiet iridu jikkawtelaw id-drittijiet taghhom.

Il-mandat *de quo* ma jolqotx kull prodotti Mars, Twix, Snickers, ecc.  Il-Mandat jolqot biss dawk il-prodotti li fuq il-pakkett jew kaxxa taghhom igibu l-isem ta` FBS Ltd. Santa Venera bhala l-importatur.  Issa, jekk dawn l-oggetti ma gewx impurtati minn FBS Ltd, din l-informazzjoni fuq il-pakketti hija inveritiera.  Huwa dan l-uzu mhux permess. *FBS u FBS* ta` isimhom li jista` jippregudika lill-istess socjetajiet.

F`dawn il-proceduri, il-Qorti m`ghandhiex tidhol fil-mertu tal-pretensjonijiet tal-partijiet izda trid tara biss, jekk, prima facie, is-socjetajiet intimati odjerni kienux gustifikati jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom.

Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li, wara li qieset il-fattispeci kollha tal-kaz, ma tistax tasal biex tilqa` t-talba tar-rikorrenti odjerni ghar-revoka tal-mandat ta` deskrizzjoni 1418/06.

Ir-rikorrenti odjerni qed jitolbu ukoll lil din il-Qorti biex tikkundanna lill-intimati odjerni biex ihallsu penali u jaghtu garanzija ghall-eventwali danni a tenur tal-Art. 836(8)(d) tal-Kap. 12.

Dan l-Art jipprovdi ghall-kundanna ghal hlas ta` penali f`kaz li t-talba ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju issir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, m`hemm ebda element li jista` b`xi mod jimporta l-malizja, frivolita jew vessatorjeta` li tesigi l-ligi sabiex timponi penali.  Inoltre, kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fil-mandat ta` sekwestru John Zarb vs Port Cottonera Ltd (18 ta` Settembru, 2002). *"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hu li l-ezercizzju ta` dritt ma jista` qatt iwassal ghar-responsabbilita` ghad-danni sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessi mill-ligi"*.

Fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda abbuz jew mala fede.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------